TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 234/10

**Neville Cassar**

**vs**

**JED Auto Dealer**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mija u tmienja u ħamsin ewro (€558), rappreżentanti ħsarat li kien hemm fil-vettura li xtara.

L- intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara vettura mingħand id-ditta intimata u hekk kif xtraha u ħadha għal *VRT test* u għal *service*, ġie notat li kien hemm diversi ħsarat, fosthom li kellu jbiddel *shock absorbers* ta' quddiem, *steering rack*, *subframe*, *ball joints*, u *suspension arm* fl-ammont ta' ħames mija u tmienja u ħamsin ewro (€558).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat m'attendiex għas-seduta minkejja li debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, kif ukoll li sal-ħin tas-seduta kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' ħames mija u tmienja u ħamsin ewro (€558), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888